# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar 2001**

**Numru 17**

**Citaz. numru 760/89 DS**

Joseph Borg bhala mandatarju ta' l-imsiefer Anthony Caruana
vs
Joseph N. Tabone bhala Chairman u Reggie Abela bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.

Illum, 31 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur nomine kien inkarigat sabiex ibiegh f'Malta propjeta' immobbli appartenenti lill-imsiefer Anthony Caruana, liema bejgh kien sehh u r-rikavat kien jammonta ghal cirka erbatax il-elf lira Maltin;

Illi meta l-attur nomine, wara li kiseb il-permessi mehtiega, gie biex jibghat ir-rikavat lill-mandant tieghu fl-Amerika, huwa inkariga u ta struzzjonijiet lill-Bank konvenut, fil-Fergha tieghu f'Victoria, Ghawdex, sabiex l-imsemmi rikavat jigi mibghut f'ghamla ta' cekk ("worldwide draft") f'denominazzjoni ta' Dollari Amerikani liema draft kellu jintbaghat lill-imsemmi Caruana li jghix fl-Istati Uniti tal-Amerika.

Illi dan l-inkarigu inghata u gie accettat mill-imsemmija Fergha tal-Bank konvenut, kif sejjer jigi pruvat, izda gara li, bi ksur tal-istruzzjonijiet u tal-inkarigu moghtija, l-imsemmi Bank konvenut hareg, fis-sittax (16) ta' Mejju, 1988, "draft" favur l-imsemmi Anthony Caruana, ghall-ammont ta' hamsa w hamsin elf seba' mija u disgha u sebghin Dollaru Awstraljan (Aus. Dollars 55,779) ekwivalenti ghal Lm13, 965.00,0 bir-rata ta' dak inhar, oltre ghal Lm10 bhala "bank charges" (Dok. "A")

Illi, minhabba li l-istruzzjonijiet lill-Bank konvenut kienu minn dejjem li d-"draft" kellu jinhareg f'denominazzjoni ta' Dollari Amerikani, u ghalhekk fuq talba tal-attur nomine, meta, jumejn wara, il-Bank konvenut gie biex jissosstitwixxi l-imsemmi "draft" mahrug hazin, qaleb l-imsemmija cifra l-ewwel fl-ekwivalenti fi flus Maltin, li, minhabba l-bdil fir-rata tal-kambju, gie jammonta ghal Lm13,693.81,0, u mbaghad ghadda biex rega' sarraf is-somma hekk milhuqa (Dok. "B") fi "draft" iehor favur l-imsemmi Anthony Caruana f'denominazzjoni ta' Dollari Amerikani (Dok. "C");

Illi ghalhekk li, minhabba l-izball originali tal-Bank konvenut, l-attur nomine sofra telf, f'temp ta' jumejn, ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u dsatax il-centezmu (Lm271.19,0), liema telf sehh minhabba li l-Bank konvenut naqas bi traskuragni u negligenza li jesegwixxi l-mandat car u espress lilu moghti kif fuq inghad, ghall-finijiet tal-artikoli 1873 u 1874 tal-Kodici Civili ta' Malta, u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni u l-imghaxijiet, minbarra li gie li, b'ghemilu stess, staghna indebitament a skapitu tal-attur nomine;

Illi ghalkemm interpellati, il-konvenuti naqsu li jaghmlu tajjeb favur l-attur nomine ghan-nuqqas taghhom;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara li l-Bank konvenut, permezz tal-Fergha tieghu ta' Victoria, Ghawdex, naqas li jesegwixxi l-istruzzjonijiet moghtija ghan-nom tal-attur nomine u hareg "draft" f'denominazzjoni differenti minn dik li kien gie mitlub johrog, u b'hekk ikkawza telf lill-attur nomine li rrizulta meta, jumejn wara, hareg "draft" sostitutiv fid-denominazjoni originarjament mitluba, biex jigi korrett l-izball mwettaq, liema telf kien jammonta ghal Lm271.19,0 kif fuq spjegat;

2. tiddikjarohom ukoll responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine minhabba l-inadempiment taghhom, li sehh unikament minhabba t-traskuragni u n-negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat moghti;

3. tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk sofferti mill-attur nomine;

4. tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine it-telf minnu mgarrab, u d-danni hekk likwidati in linea ta' risarciment kif stabilit mill-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Gunju, 1988, u ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 1988, kontra l-konvenuti nomine, u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv.  L-istess konvenuti nomine jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

Illi huma segwew fedelment l-istruzzjonijiet lilhom moghtija mill-attur tramite l-Avukat tieghu kif jirrizulta mill-Order Form (Dok. "A") u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Keith Bonnici bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali gie ezonerat mill-inkarigu tieghu u gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Philip Manduca;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur nomine qieghed isostni li l-Bank konvenut naqas li jesegwixxi l-istruzzjonijiet moghtija lilu billi hareg *draft* f'denominazzjoni differenti minn dik mitluba u konsegwentement meta jumejn wara nhareg *draft* iehor in sostituzzjoni ta' l-ewwel wiehed, kien hemm telf ta' Lm271.19 biex jigi korrett l-izball li kien ittiehed. L-istruzzjonijiet inghataw mill-Avukat Dottor Michael Grech ghall-attur. Mill-banda l-ohra l-Bank qed jeccepixxi li qeda fedelment l-istruzzjonijiet moghtija kif ghandu jirrizulta mill-*order form* relattiv (Dok. A a fol. 15).

Fl-affidavit tieghu pprezentat fl-4 ta' Novembru 1996, Dr. Michael Grech qal li meta mar il-fergha tal-Bank of Valletta fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, kien ghamel xi hin jistenna biex jisserva izda marret fuqu wahda mill-iskrivani, certa Mrs. Piscopo, li saqsietu setghetx taqdieh. Huwa spjegalha li ried *draft* ghal barra minn Malta u hi offrietlu li thalli d-dokumenti u jirrangawlu d-*draft*. Tawh xi dokumenti tas-soltu li ffirmahom minghajr ma kienu mimlija u hareg 'il barra. Din ma kenitx l-ewwel darba li ghamilha u qatt ma nqalghulu problemi. Huwa spjega li fuq il-formola O2 tal-Bank Centrali jkun hemm indikat it-taghrif mehtieg, inkluz il-munita u l-pajjiz fejn ser isir il-hlas. 'L ghada mar jigbor ic-cekk u wara li hareg mill-Bank induna li d-*draft* kien f'dollari Awtsraljani u mhux Amerikani. Huwa cempel lil Saviour Muscat u nsista mieghu li jikkancellaw ic-cekk u jissostitwuh. Dan sar fit-18 ta' Mejju 1988 izda kien hemm tnaqqis fis-somma minhabba d-differenzi fir-rata tal-kambju.

Dr. Grech stqarr li kellu okkazjonijiet fejn kellu bzonn jaghmel pagamenti barra minn Malta u l-klijent jitlob li d-*draft* isir f'munita diversa minn dik tal-pajjiz fejn jabita izda f'ebda okkazjoni ma giet accettata din it-talba.

Meta xehed fis-27 ta' Settembru 1999 Dr. Grech ikkonferma mill-gdid li kien ta lill-Bank il-formola O2 kif ukoll li kien iffirma formola tal-Bank "in blanc". Meta gie muri d-Dok. A kkonferma li dak kien id-dokument li kien iffirma "in blanc".

Ghall-Bank konvenut xehdet Miriam Muscat li kkonfermat l-*handwriting* taghha fuq l-*order form*. Hija qalet li dak iz-zmien sa certu hin ghal certi ammonti qabel ma jidlu fil-*commitment* finali kellhom icemplu Malta. Qalet li tiftakar li Dr. Grech kien gie pjuttost tard u allura ma setghux icemplu Malta qabel il-hin li kellhom icemplu u ghalhekk ma setghux jikkonfermaw ma' Malta bit-telefon qabel ma ghamlu d-*draft*. Fil-fatt huma cemplu, hadu l-OK minn Malta u ghamlu d-*draft*.

Muscat qalet li "dan il-kaz gara xi disa' snin ilu, allura ma nistax nghid bi zgur jekk huwa talabnix Australian Dollars. Pero`, peress li jiena ghamilt il-karta u cempilt Malta u hrigt ic-cheque fuq Australian Dollars, jiena nimmagina li hu Australian Dollars talabni." Ziedet li d-*draft* tathulu dak il-hin stess u allura huwa kellu l-possibilta` li jivverifika d-*draft* li tatu. Ikkonfermat ukoll li meta ffirmalha Dr. Grech hija tkun diga` mliet l-*order form* wara li tkun hadet il-*commitment* minn Malta.

In kontro-ezami Miriam Muscat qalet li peress li Dr. Grech mar tard u ftit kien hemm hin biex it-transazzjoni tghaddi dakinhar, ma hax l-indirizz tal-PAYE dak il-hin. L-indirizz nizlitu wara li hadet il-*commitment* minn Malta mhux wara li ffirmalha Dr. Grech ghax imbaghad l-indirizz tal-

PAYE nizzlitu qabel ma ffirma Dr. Grech. L-isem tal-Bank Awstraljan fuq l-*order form* u l-indirizz tal-PAYE tkun nizlithom bejn wiehed u iehor fl-istess hin.

Dwar il-Form O2 qalet li probabilment kif kienet il-prattika specjalment meta jkun hemm ftit ghaggla, din tkun inghatat lilha wara u dan ukoll minhabba l-fatt li dik hi tnizzilha *Malta Currency* u ghalhekk il-*paper work* isir wara li tkun tatu d-*draft*. Mistoqsija jekk fuq din il-formola kienx hemm indikat il-munita li kellha tithallas mhux biss il-persuna li kellha tircievi dak l-ammont, hija qalet li sa fejn tiftakar tkun imnizzla biss f'liri Maltin u ma kienx ikun hemm indikazzjoni tal-munita li fiha kellu jsir il-pagament.

Xehed ukoll Saviour Muscat li kien assistant manager fil-fergha msemmija u li kien mgharraf minn Dr. Grech dwar dak li kien gara. Huwa qal lil Dr. Grech li ser jaghmel li jista' biex inaqqas kemm jista' l-ispejjez biex jinbidel id-*draft*. Ix-xhud qal ukoll li hija prattika li jekk xi hadd joqghod l-Italja u jsaqsi ghac-cekk f'dollari Amerikani l-Bank ma jkollux problema li johrog tali cekk.

Kif osserva l-perit legali, "(i)d-diffikolta` f'din il-kawza hi li filwaqt li Dr. Grech qieghed ighid li ffirma l-Order Form qabel ma kienet miktuba u wara li ta l-istruzzjonijiet verbalment, Miriam Muscat tghid li l-formola bl-indikazzjoni tal-AUD kienet mimlija qabel ma ffirma Dr. Grech. Filwaqt li Dr. Grech qieghed ighid li l-formola O2 kellha ndikazzjoni tal-munita Miriam Muscat tichad dan. Filwaqt li Miriam Muscat tghid li d-draft inghata lil Dr. Grech dak il-hin, Dr. Grech ighid li gabar id-draft l-ghada."

Huwa veru li hemm dawn il-kontradizzjonijiet izda fil-fehma tal-Qorti x-xiehda ta' Miriam Muscat hija ferm dubbjuza. Hi stess tirreferi ghall-fatt li l-kaz kien gara disa' snin qabel; dan certament ifisser li setghet ma kenitx preciza dwar il-fatti kif svolgew. U difatti hija tikkontradici lilha nnifisha: tghid li ma setghux jikkonfermaw ma' Malta bit-telefon qabel ma ghamlu d-*draft*, imbaghad tghid li fil-fatt cemplu, hadu l-OK u ghamlu d-*draft*. Hija qalet li ma haditx l-indirizz tal-PAYE dak il-hin li mar Dr. Grech ghax kien mar tard biex tkun tista' tghaddi t-transazzjoni dakinhar; pero` mbaghad tkompli tghid li l-indirizz nizlitu wara li hadet il-*commitment* minn Malta u qabel ma ffirma Dr. Grech. Hija xehdet li "timmagina" li Dr. Grech talabha *Australian Dollars* ghax ghamlet il-karta u cemplet Malta u harget ic-cekk b'dik id-denominazzjoni – mhux mela ghax tiftakar li gara hekk. Dwar il-formola O2 tal-Bank Centrali tghid li probabilment kif kienet il-prattika din tkun inghatat lilha wara. Wara meta? Imbaghad tghid li dakinhar stess il-formola tintbaghat lill-Bank Centrali.

Il-perit legali osserva li "l-attur irid jipprova li l-Bank naqas li jesegwixxi l-istruzzjonijiet moghtija. L-attur Joseph Borg qatt ma kellem personalment lil xi impjegata tal-bank. Dr.Grech kienet il-persuna li kelmet lill-impjegata tal-Bank. Fl-affidavit tieghu Dr. Grech ighid li kien spjega lil Mrs. Piscopo li ried draft ghal barra u ffirma dokumenti minghajr ma kienu mimlija. Dr. Grech ma jghidx li qal lil Mrs. Piscopo li ried draft f'dollari Amerikani. Dr. Grech qal li fil-formola O2 tal-Bank Centrali kien hemm t-taghrif mehtieg inkluz il-munita. L-attur pero` naqas li jesebixxi l-Form O2 jew li jipproduci bhala xhud lil Mrs. Piscopo jew xi hadd tal-Bank Centrali."

Huwa mbaghad kompla li "ma ghandux ghalfejn jiddubita li Dr. Michael Grech iffirma l-formola qabel ma kienet miktuba izda b'hekk espona ruhu ghal xi zball li seta' sar. Illi huwa wkoll nuqqas tal-Bank konvenut jekk taw lil Dr. Grech l-Order Form sabiex hu jiffirma qabel ma tigi mimlija. L-esponent jifhem li ghal prattika wiehed ikun tentat li jaghmel hekk izda wiehed imbaghad irid jaccetta l-konsegwenzi jekk ikun hemm zball."

Il-perit legali ghadda biex apporzjona r-responsabbilta` kwantu ghal zewg terzi l-attur u terz il-Bank konvenut u dan wara li kkunsidra li:

"L-attur ghandu jaccetta r-responsabbilta` ta' dak li gara ghaliex:

1) Fl-ahjar ipotesi ghall-attur l-Order Form gie ffirmat in blanc u ghalhekk min jiffirma tali dokument ghandu jaccetta r-responsabbilta` jekk sar xi zball.
2) Fl-ebda parti mix-xiehda tieghu Dr. Grech ighid li spjega li ried draft f'dollari Amerikani.
3) L-attur naqas li jesebixxi l-Form O2.
4) L-attur naqas li jipproduci lil Mrs. Piscopo bhala xhud ta' l-istruzzjonijiet.
5) Kieku l-attur stenna fil-bank sabiex jiehu d-draft kien jinduna bl-izball mill-bidu u ma kienx ikun hemm telf fir-rata tal-kambju. Minflok l-attur gabar d-draft 'l ghada u d-draft gie ritornat il-bank biss jumejn wara u cioe` wara li kien hemm bdil sostanzjali fir-rata tal-kambju.

Illi l-bank huwa in parti responsabbli ghaliex ma vverifikax dwar il-munita meta kellha l-indirizz tal-payee fl-Amerka. Illi l-esponent jissottometti li l-Bank kellu l-obbligu li almenu isaqsi dwar il-munita – huwa veru li l-Bank jista' jghid li kien hemm firma ta' Dr. Grech fuq l-

Order Form izda l-Bank ghandu esperjenza f'dawn it-transazzjonijiet u ghandu certi obbligi ta' attenzjoni lejn il-klijent. Illi l-esponent jissottometti li billi kien hemm l-indirizz tal-payee fl-Amerka r-rapprezentant tal-Bank kellha almenu ssaqsi sabiex tivverifika l-munita."

Il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni raggunta mill-perit legali li r-responsabbilta` ghandha tigi apporzjonata, anke fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet li l-Qorti diga' ghamlet dwar ix-xiehda ta' Miriam Muscat. In-nuqqasijiet da parti ta' l-attur li l-perit legali puntwalizza huma minnhom. Izda hawn si tratta ta' istituzzjoni bankarja li hadet fuqha l-inkarigu li taghmel transazzjoni li bhala jsiru eluf kull sena fejn il-procedura tinvolvi li l-klijent jipprezenta l-formula O2 tal-Bank Centrali kontenenti l-awtorizzazzjoni biex is-somma ndikata f'dik il-formola (u li normalment tkun indikata mill-klijent f'liri Maltin peress li l-ekwivalenti fi flus barranin jiddependi mir-rata tal-kambju tal-gurnata tat-transazzjoni) tithallas f'munita estera lill-individwu ndikat fl-istess formula. Fil-kors normali ta' l-affarijiet, il-munita tkun dik tal-pajjiz ta' residenza tal-*payee*. F'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju li l-Bank kien jaf li l-flus se jithallsu fl-Amerka – sahansitra fl-*order form* l-iskrivana tal-Bank kitbet l-indirizz ta' Anthony Caruana f'California, U.S.A. Ghalhekk ma jaghmilx sens li d-*draft* jinhareg f'dollari Awstraljani. Minn imkien ma jirrizulta li Dr. Michael Grech ta struzzjonijiet lill-Bank biex johrog *draft* f'dollari Awstraljani. Jekk il-Bank kellu xi dubju kellu l-obbligu li jivverifika. L-izball ma kienx da parti ta' Dr. Grech li ma qaghadx jistenna d-*draft* izda tal-Bank li ghal raguni inspjegabbli hareg *draft* f'munita differenti minn dik li c-cirkostanzi kienu carament jindikaw.

Fir-rigward tax-xiehda ta' Dr. Grech fejn ighid li kellu okkazjonijiet fejn klijenti tieghu jitolbu li *draft* isir f'munita diversa minn dik tal-pajjiz fejn

jabita u li f'ebda okkazjoni ma giet accettata din it-talba, il-perit legali jirreferi ghax-xiehda ta' Saviour Muscat bhala li dan qal li hija prattika tal-Bank li johrog *draft* fil-munita li tigi mitluba u l-bank mhux marbut bil-munita tar-residenza tal-*payee*. Dwar dan il-Qorti tosserva li dak li xehed Saviour Muscat kien li hija prattika "li jekk xi hadd joqghod l-Italja isaqsi ghac-cheque f'U.S.$ ahna ma jkolniex problema li nohorgu cheque b'U.S.$". Ghaliex issemmiet l-Italja? Ix-xhud ma qalx li din il-prattika tapplika ghall-pajjizi kollha tad-dinja. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk stess tali prattika tapplika ghall-pajjizi kollha, jibqa' l-fatt li **ma jirrizultax li saret talba specifika biex id-*draft* in kwistjoni jinhareg f'dollari Awstraljani**.

Ghaldaqstant il-Bank konvenut huwa responsabbli ghan-nuqqas ta' uzu tad-diligenza rikjesta minnhom u ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nomine li jirrizulta ammontanti ghal Lm271.19, cioe` d-differenza li ntilfet minhabba tibdiliet fir-rati tal-kambju sakemm inhareg it-tieni *draft*.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-Bank konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-Bank konvenut, permezz tal-fergha tieghu ta' Victoria, Ghawdex, naqas li jesegwixxi l-istruzzjonijiet moghtija ghan-nom ta' l-attur nomine u hareg *draft* f'denominazzjoni differenti minn dik li kien gie mitlub johrog, u b'hekk ikkawza telf lill-attur nomine li rrizulta meta, jumejn wara, hareg *draft* sostitutiv fid-denominazzjoni

originarjament mitluba biex jigi korrett l-izball imwettaq, liema telf kien jammonta ghal Lm271.19,

(2) tiddikjara lill-istess Bank konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine minhabba l-inadempiment taghhom li sehh minhabba negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat moghti,

(3) tillikwida d-danni hekk sofferti fis-somma ta' Lm271.19,

(4) tikkundanna lill-Bank konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta' Lm271.19.

Bl-ispejjez kontra l-Bank konvenut u bl-imghax kif mitlub.

Onor Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur